**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Giovanni Grixti LL.M., LL.D**

**Appell Nru. 513/2014**

**Seduta tas-27 ta' Frar, 2017**

**Spettur Trevor Micallef**

**vs**

**Chantalle Terreni**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Chantalle Terreni, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 525465M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Talli f'dawn il-Gzejjer mis-6 ta' Frar, 2009 u x-xhur ta' qabel approprijat ruhha, billi dawret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinjata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew sar uzu minnha specifikat liema ammont tal-affarijiet jaqbez dak ta' €2,329, ghad-dannu ta' Marie Louise Keene;

2. Aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex tezercita jedd li ppretendiet li ghandha, gieghlet, bl-awtorita' taghha nnifisha, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixklet lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahlet fi hwejjeg haddiehor, ghad-dannu ta' Marie Louise Kenne.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-3 ta' Dicembru, 2014 fejn il-Qorti filwaqt li ma sabitx lill-imputata hatja tal-imputazzjoni taht l-Artikolu 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u illiberatha minnha, sabet lill-imputata hatja tar-reati kontemplati fl-Artikoli 18, 293, 310(a) (kif kien qabel gie emendat bl-Att XXIV tal-2014) u 85(l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta illiberat lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommetix reat iehor fi zmien tmintax (18)-il xahar mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Chantalle Terreni, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Dicembru, 2014 fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha sabiex in vista tal-premess (a) thassar u tirrevoka is-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti tat-3 ta' Dicembru, 2014 fl-ismijiet premessi permezz ta' liema sabitha hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha u lliberatha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tmintax il-xahar mid-data tas-sentenza u minflok tghaddi sabiex tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija, jew alternattivament, (b) tirriformaha billi

filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-ewwel Onorabbli Qorti sabitha hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha, tirrevokaha in kwantu l-appellanti giet illiberata bil-kundizzjoni illi ma tikkommettix reat iehor fi zmien tmintax il-xahar mid-data tas-sentenza b'dan illi minflok, tvarja l-piena, billi tikkundannaha twiddiba u canfira u dan mehuda l-provedimenti kollha opportuni li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellanti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensur tal-appellant u tal-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellanta kienet tressqet quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex twiegeb ghall-imputazzjoni ta' misappropriazzjoni semplici u ta' l-hekk imsejjah reat ta' *raggion fattasi* wara li kienet rrifjutat li tirritorna oggetti konsenjati lilha qabel ma tithallas ammont ta' flus dovuti lilha mill-parti leza. L-appellanta mhux biss kienet impjegata tal-parti leza izda t-tnejn kellhom relazzjoni flimkien. Meta inqala dizgwid bejniethom, l-appellanta kellha tirrikorri ghal-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali u zammet l-oggetti, tista' tghid bhala rahan, sakemm tithallas mill-parti leza. Gara pero' illi l-partijiet solvew il-pendenzi taghhom wara li kien sar rapport lill-Pulizija li izda, anke jekk bi zvista, l-parti leza kienet rrinunzjat ghall-kull pretensjoni permezz ta' ftehim in iskritt;

1 L-appellanti kienet inizzjalment mitluba twiegeb ghall-imputazzjoni ta' misapproprjazzjoni semplici u *raggion fattasi* izda fir-rinviju ghal-gudizzju l-Avukat Generali kien indika ukoll l-aggravanti tar-reat ta' misapproprijazzjoni, igifieri l-artikolu 294 tal-Kodici Kriminali li ghalih kellha twiegeb addizjonalment. L-ewwel Qorti, ghad illi ma sabitx htija fl-artikolu 294, sabet htija fl-artikolu 293, dak tal-misappropriazzjoni semplici u tar-raggion fattasi ex artikolu 85(1) tal-Kapitolu 9;

2 L-appellanta ressqet tlett lanjanzi ghal-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti dwar is-sentenza appellata. L-ewwel aggravju hu li l-azzjoni tal-appellanta ma kellhiex l-elemeti ta' reat u fit-tieni aggravju, l-appellanta tilmenta mill-fatt illi minkejja li l-parti leza rrinunzjat ghall-kull azzjoni kriminali kontra taghha, l-ewwel Qorti xorta wahda ghaddiet biex ssib htija kontriha. It-tielet gravami huwa dwar il-piena erogata. Hu logiku illi t-tieni aggravju jkun konsiderat *in primis*;

3 L-ewwel Qorti tajjeb ikkonstatat illi l-prosekuzzjoni kienet ressqet lill-appellanta wara li l-partijiet kienu solvew il-pendenzi ta' bejniethom. L-parti leza kkonfermat bil-gurament li kienet intlahqet transazzjoni precedenti l-proceduri kriminali u li ma kellha ebda pretensjoni ohra kontra l-appellanta. L-ewwel Qorti izda rragunat illi minkejja li l-ewwel imputazzjoni kienet rinunzjabbli, ghaliex hekk jghid l-proviso tal-artikolu 293 Kap 9, xorta wahda din ir-rinunzja ma kellha ebda effett la darba l-appellanta kellha twiegeb ukoll ghall-fatti prosegwibbli *ex officio* b'referenza ghall-artikolu 85(1) li hu reat kontra l-ordni pubbliku. In sostenn ta' dan ir-ragunament l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Stephen Bonsfield tas-27 t'April 2006 pero' dik is-sentenza kienet tirrigwarda fatti ben diversi kolpiti b'disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali differenti minn dawk in dizamina;

4 Huwa minnu illi l-proviso tal-artikolu 544 tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi meta wiehed mid-delitti fih imsemmija, igifieri stupru vjolenti, serq ta' persuna, attentat vjolenti ghall-pudur u serq ta' elettriku

u reati taht l-artikolu 326(1)(c), (e) u (f) (hsara f'kanni u katusi eccetra) isir bi vjolenza pubbblika, jew flimkien ma' reat iehor li jolqot l-ordni pubbliku, l-azzjoni kriminali titmexxa indipendentement mill-azzjoni tal-parti privata. Dan, izda, ma japplikax ghal-kwistjoni hawn devoluta ghaliex japplika biss ghal dawk id-delitti prosegwibbli fuq talba tal-parti leza msemmija fl-artikolu 544 tal-Kodici Kriminali. L-appropriazzjoni indebita semplici ex artikolu 293 hija prosegwibbli fuq kwerela tal-parti li skond l-artikolu 545(1) tista' tirrinunzja ghall-kwerela taghha f'kull zmien sa ma tinghata s-sentenza finali. L-ewwel Qorti ghalhekk kellha taccetta r-rinunzja tal-parti leza ghar-rigward tal-imputazzjoni ravvizata fl-artikolu 293, u la darba stabbiliet li ma jirrizultax l-aggravju fl-artikolu 294, la darba l-appellanta ma tirrizultax li hi persuna msemmija f'dak l-artikolu, kellha imbaghad tikkunsidra l-fatti biss kwantu ksur tal-artikolu 85(1). L-artikolu 294 *per se* ma huwiex reat izda aggravju tar-reat ravvizjat fl-artikolu 293. Dan ifisser illi l-appropriazzjoni indebita huwa reat suggett ghall-kwerela tal-parti, izda jekk l-oggett ikun fdat lill-imputat minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu l-azzjoni titmexxa ex officio u l-piena tizdied ghall seba xhur sa sentejn prigunerija;

5. Stabbilit dan, isegwi illi l-ewwel Qorti kellha xorta wahda tghaddi, kif gustament ghamlet, ghall-gudizzju dwar l-allegat ksur tal-artikolu 85(1) tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex r-reat ta' ragion fattasi "hu prosegwibbli *ex officio* mill-Pulizija Ezekuttiva u dan peress li ma huwiex meqjus bhala delitt kontra l-proprjeta' privata izda delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra". – Il-Pulizija vs Alfred Vella – App Krim 157/99 24.2.2000. Kif inhu ben accettat fuq skorta ta' sentenzi sa minn dik fl-ismijiet Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et (App Krim 14.10.1944 riportata fil-Vol. XXXII – IV, p.768), l-elementi li jghamlu dan ir-reat huma erbgha: a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna; b) l-imputat irid

jemmen li qed jagixxi bi dritt; c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali; d) n-nuqqas ta' titolu li jirrendi r-reat aktar gravi;

6. Bosta drabi l-linja divizorja bejn dritt civili u ksur ta' ligi kriminali fi kwistjoni konsimili hija wahda fina hafna. Il-kwistjoni hawn devoluta aktar ixxaqleb lejn id-dritt ta' retenzjoni fl-istitut civili milli ksur tal-artikolu 85(1). L-appellanta kienet dovuta flus minghand l-parti leza. L-oggetti fil-pussess tal-appellanta tqieghdu ghandha b'mod volontarju fi zmien meta kien hemm amicizzja bejnithom u ma jidhirx, almenu mill-atti proceswwali, illi l-parti leza qatt kellha access ghal dawn l-oggetti u li l-appellanta biddlet xi sellatura jew imbarrat xi bieb b'mod li allura l-parti leza kienet privata milli tiehu lura dawk l-oggetti b'mod ghalhekk illi certament ma jistax jinghad li jirrizulta l-ewwel element tar-reat. Jidher li l-ewwel Qorti naqset milli tesplora dawn l-elementi u ghalhekk hemm raguni sufficjenti sabiex din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-fatti kif maghmula mill-Qorti tal-ewwel Grad;

7. L-appell odjern ghalhekk jimmerita li jkun akkolt u ghal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata u kkonsegwentement ma ssibx htija fl-appellanta u tilliberaha minn kull imputazzjoni u htija.